# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

Skola Sekondarja
Triq San Ġwann,
Ħal Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400

Secondary School
St John Street,
Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400


Il-25 ta' Awwissu 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Filwaqt li nisperaw li tinsabu tajba, ħassejna l-ħtieġa li nagħmlu kuntatt magħkom b'informazzjoni neċessarja qabel nibdew sena skolastika ġdida.

**ĠBIR TA' KOTBA**

Bħalma jsir ta' kull sena, il-librara ppreparaw il-kotba li l-istudenti għandhom bżonn fis-sena skolastika li ġejja biex intom tkunu tistgħu tiġbruhom u jkunu għand uliedkom qabel ma nibdew f'Settembru.

Dakinhar mitluba li tidħlu min-naħa tal-Sports Complex u tiġu l-iskola lebsin maskra.

It-tqassim tal-kotba se jsir hekk (mil-librerija):

- Year 9 (Kunjom A - N) — fis-16 ta' Settembru — mit-8:30 sa 12:00
- Year 9 (Kunjom O - Z) — fl-20 ta' Settembru — mit-8:30 sa 12:00
- Year 10 * — fl-14 ta' Settembru — mit-8:30 sa 12:00
- Year 11 — fit-13 ta' Settembru — mit-8:30 sa 12:00

(* Il-maġġoranza tal-istudenti tal-Year 10 diġà ġabru l-kotba. B'hekk fl-14 ta' Settembru, se niġbru l-flus tal-Year 10 u mhux se jitqassmu kotba minħabba li l-librerija se tkun magħluqa. L-aħħar ftit kotba tal-Year 10 se jitqassmu matul l-ewwel ġimgħa tal-iskola).

**ĠBIR TA' FLUS**

Intom mitluba sabiex dakinhar tmorru wkoll fl-entratura tal-canteen tal-iskola biex isir il-ħlas bħala kontribuzzjoni għall-fotokopji li se jkollhom uliedkom matul is-sena skolastika 2021/22, għad-djarju u għar-rivista tal-iskola. Fil-każ tal-istudenti l-ġodda, il-ħlas tal-locker hu ta' €9. Importanti li l-flus jitpoġġew f'borża tal-plastik trasparenti.

Skola Sekondarja
Triq San Ġwann,
Ħal Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400

Secondary School
St John Street,
Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400

| **Qsim tal-Flus 2021-2022** | **Year 9** | **Year 10** | **Year 11** |
|---|---|---|---|
| **Locker** | €9<br>għal 3 snin | Lockers (€3) ma ntuzawx fl-20-21<br>€6 Pendenti | Lockers (€3) ma ntuzawx fl-20-21<br>€3 Pendenti ** |
| **Djarju tal-Iskola** | €5 | €5 | €5 |
| **Annwal Tal-Iskola** | €5 | Ma sarx l-Annwal tal-iskola (€5) fl-20-21<br>€5 għas-sena 21-22 | Ma sarx l-Annwal tal-iskola (€5) fl-20-21<br>€5 għas-sena 21-22 |
| **Fotokopji** | €25 | €25 | €25 |
| **Total** | **€44** | €35 - €8 = **€27** | €35 - €8 = **€27** |

**€3 se jintużaw biex jittieħdu ritratti tal-farewell

**DATA COLLECTION U LAQGĦAT ONLAJN**

**Studenti tal-Year 9 u studenti li huma ġodda fl-iskola**

Dakinhar li jinġabru l-kotba, mitluba ġġibu magħkom il-formoli li rċivejtu mimlija u tagħtuhom ukoll lis-segretarji li jkunu ħdejn il-canteen tal-iskola. Araw li d-dettalji li hemm fl-Information Sheet huma tajbin u mlew fejn hemm nieqes. Importanti li d-dettalji jimtlew kollha speċjalment l-indirizz elettroniku (email) u n-numru tal-mowbajl sabiex intom ikollkom aċċess għal kull informazzjoni fuq it-tfal tagħkom.

**Studenti tal-Year 10 u 11**

Diġà bgħatnilkom email/announcment minn fuq MySchool, fejn għidnielkom biex tagħtuna l-aħħar dettalji biex inkunu nistgħu nagħmlu kuntatt magħkom. Jekk għadkom ma bgħattulniex din l-informazzjoni, inħeġġukom tagħmlu dan billi tagħfsu l-ħolqa t'hawn isfel.

https://cutt.ly/FQKU9C2

# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

Skola Sekondarja
Triq San Ġwann,
Ħal Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400

Secondary School
St John Street,
Kirkop KKP 9011, Malta
Tel: 25984400

**Laqgħat Onlajn**

Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, din is-sena, il-laqgħa introduttorja li normalment nagħmlu se terġa' ssir onlajn.

| | | |
|---|---|---|
| Laqgħa tal-Year 9s | fit-22 ta' Settembru | mill-17:30 sas-18:30 |
| Laqgħa tal-Year 10s u 11s | fit-23 ta' Settembru | mill-17:30 sas-18:30 |

Infakkarkom li dawn il-laqgħat se jsiru fuq MS Teams. Sadanittant inħeġġiġkom biex tingħaqdu fit-Tim tal-ġenituri/kustodji fuq MS Teams billi tagħfsu din il-ħolqa t'hawn isfel. Tistgħu tirreġistraw jew bl-email personali tagħkom jew inkella bl-email tal-iLearn ta' wliedkom.

https://cutt.ly/aQKYgqr

Nissuġġerilkom ukoll biex tidħlu fis-sit tal-iskola u biex tissieħbu fuq is-siti soċjali tagħna. B'dan il-mod tibqgħu aġġornati x'inhu jiġri fl-iskola ta' wliedkom.

| | |
|---|---|
| Sit tal-Iskola: | https://kulleggsanbenedittuss.com/ |
| Facebook: | https://www.facebook.com/groups/benedittusocial |
| Instagram: | https://www.instagram.com/benedittu_sec/ |
| Twitter: | https://twitter.com/benedittu |
| Youtube: | https://www.youtube.com/c/KulleggSanBenedittuSkolaSekondarjaKirkop |

Inħares 'il quddiem sabiex naħdmu flimkien. Jekk ikollkom bżonn titkellmu miegħi nitlobkom iċċemplu l-iskola biex tagħmlu appuntament.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Is-Sur A. Galea
Kap tal-Iskola

SCAN ME

*Dawra Virtwali mal-Iskola*